



Brussell, 5 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

15895/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0303(NLE)

RESUA 20
FIN 1037
ECOFIN 1350
ELARG 166
COEST 669
DEVGEN 186

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet għall-ħlas tat-tieni pagament parzjali tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u tal-appoġġ fil-forma ta' self skont il-Pjan għall-Ukrajna tal-Faċilità għall-Ukrajna
----------	---

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta'...

**dwar l-istabbiliment tal-ilħuq sodisfaċenti
tal-kundizzjonijiet għall-ħlas tat-tieni pagament
parzjali tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u tal-appoġġ fil-forma ta' self
skont il-Pjan għall-Ukrajna tal-Faċilità għall-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-
29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4)
tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>.

Billi:

- (1) Il-pilastru I tal-Faċilità għall-Ukrajna (“il-Faċilità”) jagħmel appoġġ finanzjarju sa EUR 38 270 000 000 disponibbli għall-Ukrajna għall-perjodu 2024-2027 fil-forma ta’ appoġġ mhux ripagabbli u ta’ self. Il-finanzjament taħt il-pilastru I huwa prinċipalment allokat abbażi tal-Pjan għall-Ukrajna tal-Faċilità għall-Ukrajna (“il-Pjan”). Il-Pjan jistabbilixxi l-aġenda ta’ riforma u investiment għall-Ukrajna, u l-passi kwalitattivi u kwantitattivi li huma marbuta ma’ finanzjament taħt il-pilastru I tal-Faċilità.
- (2) Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2024/792, il-Kunsill approva l-valutazzjoni tal-Pjan permezz tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2024/1447², li tistabbilixxi l-iskeda ta’ żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Pjan, inklużi l-passi kwalitattivi u kwantitattivi li huma marbuta mal-finanzjament taħt il-pilastru I tal-Faċilità.
- (3) Is-somma totali tar-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-Pjan skont id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 tammonta għal EUR 32 270 000 000, li minnhom EUR 5 270 000 000 huma fil-forma ta’ appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u sa EUR 27 000 000 000 huma fil-forma ta’ self.

² Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447 tal-14 ta’ Mejju 2024 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/1447, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1447/oj).

- (4) F'konformità mal-Artikoli 24 u 25 tar-Regolament (UE) 2024/792, ġew żborżati EUR 6 000 000 000 lill-Ukrajna bħala finanzjament tranżitorju eċċezzjonali, u ġew żborżati EUR 1 890 000 000 lill-Ukrajna fil-forma ta' prefinanzjament li jirrappreżenta pagament avanzat ta' 7 % tal-appoġġ fil-forma ta' self li l-Ukrajna hija eliġibbli li tirċievi skont il-Pjan.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2024/792, ġew żborżati EUR 4 165 092 857 lill-Ukrajna taħt l-ewwel pagament parzjali, li minnhom EUR 1 500 000 000 fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u EUR 2 665 092 857 fil-forma ta' self. F'konformità mal-Ftehim ta' Self konkluż bejn l-Unjoni u l-Ukrajna skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2024/792, intuża ammont ta' EUR 200 598 387 mill-ewwel pagament parzjali biex jiġi kklerjat il-prefinanzjament tas-self.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2024/792, fl-10 ta' Ottubru 2024, l-Ukrajna ressqet talba għall-ħlas tat-tieni pagament parzjali tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u tal-appoġġ fil-forma ta' self, li jammontaw għal EUR 4 248 847 926, kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, u pprovdiet evidenza li turi l-ilħuq sodisfaċenti ta' tmienja mid-disa' passi kwalitattivi u kwantitattivi. Evidenza addizzjonali relatata mal-ilħuq sodisfaċenti tal-pass li kien fadal ġiet ippreżentata fil-31 ta' Ottubru 2024. It-talba kienet akkumpanjata mid-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim Qafas, l-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Finanzjament u l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Self konkluż bejn l-Unjoni u l-Ukrajna, skont l-Artikoli 9, 10 u 22 , rispettivament, tar-Regolament (UE) 2024/792.

- (7) F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447, flimkien mat-talba tagħha għall-pagament, l-Ukrajna pprovdiet evidenza li turi l-ilħuq sodisfaċenti tad-disa' passi dovuti sat-tielet trimestru tal-2024. Dawk id-disa' passi huma relatati ma' diversi riformi stabbiliti fil-Pjan taħt il-kapitoli dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, il-kapital uman, l-ambjent tan-negozju, id-deċentralizzazzjoni u l-politika reġjonali, is-settur tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika u l-protezzjoni ambjentali. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat Kontra l-Korruzzjoni tal-Ukrajna ngħata l-opportunità li jżid il-manodopera tiegħu. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Irkupru tal-Assi għall-2023-2025, l-Istrateġija għall-Iżvilupp Demografiku għall-perjodu sal-2040, il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-deregolamentazzjoni u r-riżoluzzjonijiet li jemendaw l-Istrateġija tal-Istat għall-Iżvilupp Reġjonali għall-2021-2027 ġew adottati. Barra minn hekk, ġiet żviluppata n-nota kunċettwali li tistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-derogi mir-regoli dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u l-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika. Fl-aħħar nett, daħlu fis-seħħ il-liġijiet dwar il-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali u dwar it-tniġġis industrijali u l-leġiżlazzjoni sekondarja dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Swieq tal-Enerġija bl-Ingrossa.
- (8) F'konformità mal-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2024/792, il-Kummissjoni vvalutat it-talbatal-Ukrajna fid-dettall u għamlet valutazzjoni pożittiva tal-ilħuq sodisfaċenti tad-disa' passi għat-tieni pagament parzjali, kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Dik il-valutazzjoni pożittiva saret fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Pjan. Aktar allinjament mal-*acquis* tal-UE se jiġi ffaċilitat permezz tal-proċess ta' adeżjoni mal-UE.

- (9) Il-Kummissjoni tqis li l-Ukrajna għadha tissodisfa l-prekundizzjoni għall-appoġġ tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2024/792. B'mod partikolari, l-Ukrajna tkompli żżomm u tirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inkluża sistema parlamentari b'diversi partiti, u l-istat tad-dritt, u li tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.
- (10) Għalhekk, din id-Deċiżjoni għandha tistabbilixxi li l-kundizzjonijiet rilevanti għall-ħlas tat-tieni pagament parzjali skont il-Pjan ikunu ntleħqu b'mod sodisfaċenti.
- (11) Meta titqies is-sitwazzjoni fiskali diffiċli li qed tiffaċċja l-Ukrajna, huwa ta' importanza kbira li l-fondi jiġu żborżati malajr kemm jista' jkun. Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni u bil-ħsieb li jitħaffef il-proċess, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet rilevanti għall-ħlas tat-tieni pagament parzjali li jammonta għal EUR 4 248 847 926 kif stabbilit fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 huwa b'dan stabbilit f'konformità mal-valutazzjoni, ipprovduta mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/792, meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
